28 ta' Frar, 1953

Imhallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francesca Mifsud

**Prostituzzjoni — Dar — Appartament Privat — Appell — Art. 8 u 9 tal-Kap. 102 (Dwar il-Qirda tal-Kummerċ tal-Prostituzzjoni).**

*Għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi lil min għandu ħanut, alloġġ, jew lukanda, jew appartamenti privati, milli jħalli li dawn il-komoditajiet jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, għandha ssir distinzjoni bejn dar u appartament privat; fis-sens illi dar ma tfissierx appartament privat, u appartament privat ma jfissierx dar. Dik id-dispożizzjoni għalhekk ma tolqotx lil min jippermetti li d-dar tiegħu sservi bħala post ta' laqgħa għal skop immorali għal darba waħda.*

131—132, Vol. XXXVII, p. IV.

L-użu ta' dar ghal skopijiet immoralu huwa kontemplat mill-ligi, imma taht dispozizzjoni ohra, li tikkontmpla dar li tkun fwelenzata ghal skop ta' prostituzzjoni u skopijiet ohra immorali; liema dispożizzjoni taċċenna ghal certa abitwalita' ta'l-użu tad-dar ghal dawk l-iskopi.

Jekk l-akkuza tkun bażata fuq l-ewwel dispożizzjoni fuq imsemmija, u l-kundanna tkun in bażi ghal dik id-dispozizzjoni, u l-imputat kundannat jappella minndik is-sentenza,u jirrizulta li l-htija tieghu hija bażata fuq it-tieni dispożizzjoni fuq imsemmija, huwa ghandu jiġi liberat,ghaliex fl-appel l-imputazzjoni ma tistax titbiddel.

B'sentenza tas-6 ta' Diċembru 1952 l-imsemmija Mifsud ġiet misjuba hatja talli ppermettiet illi d-dar taghha sservi bhala post ta' laqgha ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, u kkundannata ghall-piena tal-lavuri furzati ghal żmien xahar u nofs;

L-imputat appellat;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-kundanna hija ghal-bażi ta' l-art.9 tal-Kap. 102, li jghid hekk:- "Kull min ghandu hanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat, u jhalli jew jippermetti li dak il-hanut, alloġġ, lukanda jew appartament, jew xi parti taghhom jiġu użati bhal post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali...";

Ma hux kuntrastat li l-post fejn sar il-fatthuwa"dar". Id-difiża ghalhekkqeghda ssostni li fid-dispozizzjoni li inbazi taghha kien hekk il-kundanna, fost il-postijiet imsemmija ma hemmx anki"dar", u ghalhekk ma jistaxikun hemm reat fil-każ ta' l-imputata;

L-appell, ghalhekk, ivverta fuq dan il-pont ta'dritt;.

Il-Prosekuzzjoni, kif jidher mir-rikors fol.4lghamlet ir-riċerki mehtieġa dwar dan il-pont, izda ma jidherx, li sabet xi haġa li setghet tikkontribwixxi ghas-soluzzjoni tieghu.

Dwar l-istess pont, din il-Qorti rriflettiet;

Hu indubitat li ghandha ssir distinzjoni bejn il-kelma "dar" u l-espressjoni "appartament privat". Ghaliex id-distinzjoni hija maghmula mill-istess liġi, li fl-art.8, 10 u 12, tuża l-kelma "dar", li ma hix użata fl-art 9. Sinjal, mela, li l-legislatur, meta qas "dar", ma ntendix "appartament privat"; u

viceversa, meta qal "appartament privat", ma ntendix "dar";

Fl-art. 9 m hemm xejn li jista' jestendi s-sinifikat tal-kelma "appartament", jew li jista' jirrendi dak l-artikolu applikabili wkoll ghal fond li ma huwiex hanut, allogg, lukanda jew appartament privat; ghaliex ma hemmx xi kliem amplifikativi kif hemm fl-art. 8, fl-art. 10 u fl-art. 12, fejn hemm l-espressjoni estensiva "or other premises";

Ebda argument f'sens ta' estensjoni ma jista' jingibed mill-art. 13; ghax ghalkemm dak l-artikolu jsemmi l-kelma "dar", pero' hu qed jaghmel riferenza mhux biss ghal-art. 9, imma anki ghall-art. 8, 10, u 12, u ghalhekk l-inkluzjoni tal-kelma "dar" tispjega ruhha, jew almenu tista' tispjega ruhha, bl-inkluzjoni ta' dawn l-ahhar artikolu, flimkien ma' lartikolu 9, fl-artikolu 13;

L-użu ta' dar ghal skopijiet immorali hu kontemplat fl-art. 8, li "inter alia" jolqot il-fatt ta' min iżomm "dar" li tkun frekwentata, jew tkun maghċuda li hija frekwentata, ghal skopijiet ta' prostituzzjoni; imma apparti li dak l-artikolu qieghed jaċċenna ghall-użu, abitwali, mentri l-art. 9. qieghed jaccenna ghall-użu anki ta' darba, hu cert li l-kundanna ta' l-ap ellanti kienet in bażi ghall-art. 9. u issal fl-appell ma jistax ikun hemm tibdil fl-imputazzjoni;

Jista' jkun li f'dan l-art. 9 il-legislatur ried, jikkolpixxi l-fatt ta' min malli li tintuża xi kamra jew xi ambjent ghal skopijiet immorali, u kwindi kien aktar proprju li jissemmew hanut (fejn jista' jkun hemm ->' "private"), jew allogg, jew lukanda (fejn jinkrew ambjent singoli), u appartamenti privati (li jaqghu taht l-istess koncett), milli li jsemmi "dar";

Cert hu li fis-sistema tal-ligijiet taghna hemm distinzjoni bejn il-kelma "dar" u l-kelma "appartament", kif juri l-art. 2 tal-Kap. 13 fid-definizzjoni ta' "dar" u "common tenement house", ossija "kerrejja" bl-appartamenti taghna;

Cert hu wkoll li fil-parlata komuni lokali altru tghid "dar" u altru tghid appartament", ghalkemm bl-iżvilupp tal-flats fl-edilizja moderna, minn xi zewġ generazzjonijiet l-hawn, il-kelma "appartament" hadet sinifikat aktar elevat milli evidenti kellha meta saru il-Ligijiet tal-Pulizija;

Komunkwe sija, f'materja kriminali ma hijiex ammissibili l-interpretazzjoni b'analoġija, b'mod li tiġi mportata fil-liġi kelma li ma hemmex, u b'mod li jinħoloq bħala konsegwenza, reat li, fl-istat tal-liġi, ma hux kontemplat fl-art. 9, dak cioe' meta wieħed jippermetti spordikament "rendez-vous" għal skopijiet immorali f"dar";

Konsegwentament l-imputata għandha jkollha l-benefiċċju tal-massima "nuliu, crimen sine lege". Jekk il-liġi għandhiex tibqa' hekk jew le hija haġa li jaraha, mhux il-ġudikant iżda l-legislatur;

Għal dawn il-motivi;

Tiddecidi;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputata mhux ħatja fis-sens premess, u tordna li tiġi liberata.